MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2008

Rikors Numru. 391/2006

**Fl-atti tal-ittra ufficjali presentata fit-30 ta'Novembru 2006 fl-ismijiet:-**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Vs**

**DAG Co Limited (C 9715)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta' rikorrenti, wara li ppremettiet illi hi tirrileva illi hija giet notifikata bl-ittra ufficjali datata 30 ta' Novembru 2006 mill-Kummissarju intimat liema dokument jinsab mehmuz mar-rikors u mmarkat bhala Dok DAG1.

Illi s-socjeta' esponenti tirrileva illi minn verifiki kondotti minnha jirrizulta li hija dejjem hallset it-taxxa dovuta

minnha b'mod komplet u ghalhekk m'ghandha l-ebda ammont ta' taxxa li huwa pendenti mal-Kummissarju intimat.

Talbet inutilment li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet hawn fuq esposti fl-ewwel lok tiddikjara illi t-talba maghmula mill-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni bhala wahda infondata fil-fatt u fid-dritt u fit-tieni lok tiddikjara illi l-istess Kummissarju intimat ma ottjena l-ebda titolu esekuttiv u jekk ikun il-kaz tirrevoka l-istess u dana taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti esebiti mal-atti a fol 2 sa fol 4.

Rat id-digriet Taghha preliminari moghti fil-15 ta' Dicembru 2006 (fol 5 ibid).

Rat ir-risposta tal-intimat (fol 12 ibid) u li biha espona bir-rispett:-

Illi l-allegazzonijiet u l-pretensjonijiet tas-socjeta' rikorrenti huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

Illi l-esponent kien ghamel revizjoni tas-somma dovuta mis-socjeta' rikorrenti ghas-snin ta' stima 1993 u 1994 skond il-ligi.

Illi minhabba li fis-snin sussegwenti s-socjeta' rikorrenti kienet ghamlet hlasijiet tat-taxxa dovuta lill-esponent li koprew parti mis-somma dovuta ghas-snin ta' stima 1993 u 1994, is-socjeta' rikorrenti fadlilha thallas lill-esponent bhala bilanc rimanenti s-somma ta' Lm180.00,0 ghas-sena ta' stima 1993 u s-somma ta' Lm460.00,0 ghas-sena ta' stima 1994.

Illi jigi rilevat ulterjorment li s-somma ta' Lm38.00,0 hija dovuta mis-socjeta' rikorrenti bhala bilanc minn somma akbar dovuta ghas-sena ta' stima 1998.

Illi b'hekk is-socjeta' rikorrenti hija debitrici tal-esponent ghas-somma ta' Lm678.00,0 ghas-snin ta' stima 1993, 1994 u 1998.

Salvi eccezzjonijiet ultejuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi kif jidher mill-verbali, in atti, in konnesjsoni mas-seduti li nzammu is-smiegh ta' dan il-kaz kien gie differit ghal diversi drabi minhabba :-
a) inkontru li kellu jsir bejn il-partijiet izda liema kienx sar (ara fol 14 u fol 16 ibid);
b) li kien qed jigi prospettat da parti tas-socjeta' rikorrenti illi tigi proposta il-preskrizzjoni tal-azzjoni (fol 16, fol 17 u fol 18 ibid);
c) li, avolja nghataw tlett (3) differimenti sabiex is-socjeta' rikorrenti tipproduci l-provi fuq il-meritu, dan ma sarx (fol 20, fol 22 u fol 24 ibid).

Illi ghalhekk jkun opportun illi tinghata decisjoni fuq it-talbiet in esami kif specifikati fir-rikors promotur.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti bl-ispejjes jithallsu mill-istess socjeta'.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------